A.L. 148 ta' l-1997

ATT DWAR L-UFFIĊĊJU TAL-POSTA (KAP. 254)

Regolamenti ta' l-1997 li jemendaw ir-Regolamenti dwar Posta Lokali (Emenda Nru. 2)

BIS-SAĦĦA tas-setgħat mogħtija bl-artikolu 10 ta' l-Att dwar l-Uffiċċju tal-Posta, il-Ministru għat-Trasport u Portijiet, bi ftehim mal-Ministru tal-Finanzi u Kummerċ, għamel ir-regolamenti li ġejjin:–

Titolu.

1. Dawn ir-regolamenti jistgħu jissejħu r-Regolamenti ta' l-1997 li jemendaw ir-Regolamenti dwar il-Posta Lokali (Emenda Nru. 2), u għandhom jinqraw u jiftehmu ħaġa waħda mar-Regolamenti ta' l-1985 dwar Posta lokali, hawnhekk iżjed 'il quddiem imsejħa "r-regolamenti prinċipali".

A.L. 35 ta' l-1985.

Jemenda t-Tielet Skeda li tinsab mar-regolamenti prinċipali.

2. Fit-Tielet Skeda li tinsab mar-regolamenti prinċipali, minflok il-kliem minn "Regolament 106" sa "*Telecards* mixtrija.....4c" għandu jidħol dan li ġej:–

"Regolament 106	Kummissjoni lil bejjiegħa tal-Bolol	
	għal kull Lm1 mixtrija	2c
	għal kull Lm1 *Year Packs* mixtrija	10c
	għal kull Lm1 *Telecards* mixtrija	4c".